# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 582/2013/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mark Pace**

Illum 26 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Mark Pace**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 87770(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-21 ta' Novembru 2013 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa dawn il-Gżejjer speċifikatament fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Raħal Ġdid:

1. kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta,

liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputat talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll, sabiex f'każ ta' ħtija, tordna lill-imputat sabiex iħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-Proċess Verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* ta' Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' April 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux ħati ta' imputazzjoni (a) kif dedotta fil-konfront tiegħu, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u minnhom illiberatu b'dan illi sabitu ħati tar-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* kompriż u involut fir-reat mertu ta' imputazzjoni (a) u kkundannatu għall-piena ta' għaxar (10) xhur priġunerija. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fil-mori tal-Proċess Verbal tal-inkjesta u ċioè l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' mitejn u tlettax-il Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€213.99), l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PC 650 Justin Tabone ammontanti għas-somma ta' disgħa u tletin Euro, erbgħa u sittin ċenteżmu (€39.64), u l-ispejjeż konnessi mar-

relazzjoni ta' PS 36 Sergio Azzopardi ammontanti għas-somma ta' erbgħa u ħamsin Euro, disgħa u sittin ċenteżmu (€54.69), b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' tliet mija u tmien Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€308.32), liema spejjeż kellhom jitħallsu mill-imputat fi żmien sitt (6) xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Finalment, l-Ewwel Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga eżebita hekk kif is-sentenza mogħtija minnha tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi* ***TIKKONFERMAHA*** *fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-imputazzjoni (a) kif dedotta fil-konfront tiegħu, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u lliberatu minnhom,* ***TĦASSARAHA u TIRREVOKAHA*** *f'dik il-parti fejn sabitu ħati tar-reat ta' pussess tar-raża tal-cannabis kompriż u involut fir-reat mertu tal-imputazzjoni (a) u b'hekk* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħha u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; alternattivament, sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata inkwantu għal piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-8 ta' Mejju 2023.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' April 2022.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fil-21 ta' Novembru 2013 uffiċjali tal-ħabs kienu ntalbu jagħmlu spezzjoni ta' rutina ġewwa ċella bin-numru 205 f'diviżjoni 5 fil-Faċilita' Korretiva ta' Kordin, liema ċella kienet okkupata mill-appellant. Waqt l-ispezzjoni l-uffiċjali in kwistjoni sabu borża ta' ċikkulatini li kien fiha ħames blokki ta' raża tal-*cannabis*. Dwar dan jirriżulta li nfetħet Inkjesta Maġisterjali fejn ġew appuntati diversi esperti. Jirriżulta li l-appellant allura imputat ġie mressaq il-Qorti fejn ġie akkużat b'dak imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq żewġ aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa msejjaħ hekk: "Apprezzament Żbaljat Tal-Provi". Dan l-aggravju huwa maqsum fis-segwenti:

- "Prinċipji ġenerali";
- "Il-kontinwita' ta' evidenza senjatament fejn u kif inżammet is-sustanza ma kienx konformi mal-liġi";
- "L-analizzar tad-droga f'laboratorju mhux akkreditat".

Prinċipji Ġenerali:
Illi dwar il-prinċipji ġenerali l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha. Jispjega li huwa ma għandux obbligu jipprova xi ħaġa u li l-oneru tal-prova taqa' fuq il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Il-Kontinwita' tal-Evidenza:
Illi fir-rigward tal-kontinwita' tal-evidenza senjatament fejn u kif inżammet is-sustanza, l-appellant jisħaq li dan ma kienx konformi mal-liġi. Huwa jitlob l-isfilz tad-dokument senjatament *envelope* tal-lewn kannella mmarkat Dok. 13 DDF 201 kif ukoll *envelope* ieħor ta' lewn kannella mmarkat Dok. 13 DDF 202. Jitlob ukoll l-isfilz tar-relazzjonijiet marbuta ma' dawn il-provi minħabba li skont hu ma ġiex segwit dak rikjest f'Avviż legali 121/2002. Jispjega li dan l-Avviż Legali jistipula illi a tenur ta' Artikolu 669(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, innomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm f'ismu l-mediċinali perikolużi. Jargumenta li mill-atti proċesswali ma

jirriżultax li dan ġie segwit u li għalhekk hemm nuqqas serju fic-*chain of custody*. Jgħid li l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut jgħid li ġie mogħti s-sustanzi minn PC 650 Justin Tabone. L-appellant jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi u artikoli rigwardati c-*chain of custody*.

Illi l-appellant ikompli jgħid li l-livell ta' prova li trid tintlaħaq mill-Prosekuzzjoni huwa dak ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni fejn għandha tiġi ppreżentata l-aħjar prova. Jgħid li l-Prosekuzzjoni kellha tressaq il-prova ta' kif ġiet elevata u preżervata s-sustanza mertu tal-każ odjern.

Illi dwar l-argumenti mressqa mill-appellant fir-rigward tal-katina ta' prova li skont hu nkisret, din il-Qorti ma taqbel xejn ma dak li jgħid l-appellant. F'dan ir-rigward din il-Qorti tibda billi tirreferi għal dak li xehed CO 177 Matthew Cilia quddiem l-Ewwel Qorti fl-4 ta' Diċembru 2013 fejn jirriżulta li qal hekk (*a fol.* 36):

> "Għamilna spezzjoni li fiha sibna pakkett tal-*Maltesers* b'ħames biċċiet ta' blokk, għaddejniehom lil PS 285 u PC 107.

Illi mir-rapport tas-*Scene of Crime Officer* PC 650 Justin Tabone jirriżulta li huwa ġabar id-droga mingħand PS 285 u dana peress li fir-rapport tiegħu jgħid is-segwenti (*a fol.* 64):

> "3. Illi fuq il-post ġie kkonsenjat mingħand PS 285 żewġ boroż ta' l-evidenza ssiġillati, waħda tikkontjeni ħames biċċiet ta' sustanza suspettata droga u l-oħra pakkett tal-'Maltesers' miftuħ inkluż diversi 'Maltesers', liema pakkett allegatament kellu fih il-biċċiet tas-sustanza in kwistjoni."

Illi fl-istess rapport tiegħu (Dok. "JT" – *a fol.* 63 *et seq.*), l-istess espert Tabone jgħid li l-pakketti tad-droga ngħaddew lill-espert tal-Qorti. Dan huwa kkonfermat ukoll fir-rapport (Dok. "GS" – *a fol.* 43 *et seq.*) mħejji mix-Xjenzat Godwin Sammut fejn taħt it-titolu

bl-isem "Kontinwita' ta' Evidenza" (*a fol.* 45) jgħid li ġie mogħti d-dokumenti minn għand PC 650 J. Tabone

Illi għalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li l-katina tal-provi mhijiex mittiefsa u li l-mod ta' kif din id-droga għaddiet għand l-espert tal-Qorti hija ben dokumentata.

Illi rigward l-obbligi naxxenti mill-Avviż legali 121/2002 din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Marzu 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jonathan Cassar** (Numru 22/2023) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "Illi, mid-diċitura tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament mill-kelma "**jista'**", jirriżulta biċ-ċar li l-leġislatur kien qiegħed jagħti lir-Reġistratur tal-Qrati d-diskrezzjoni sabiex jaħtar persuna oħra biex iżomm oġġetti f'ismu. Li kieku l-leġislatur kien qed jimponi fuq ir-Reġistratur obbligu sabiex huwa jgħaddi ċerti oġġetti lill-entita' terza, ċertament li s-setgħa ma kienitx tkun waħda fakoltattiva iżda tassattiva.[1]"

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Buttigieg** (Numru 239/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "F'dan il-gravam ġdid sottopost għal ġudizzju tal-Qorti, l-appellant jilmenta dwar l-allegat ksur ta' dak dispost fl-Avviz Legali numru 121 tal-2002, u dana għaliex jikkontendi li r-Reġistratur tal-Qorti ma ottemperax ruħu mad-disposizzjonijiet tal-istess meta d-droga eżebita in atti ma ġietx ikkustodita fil-post indikat fl-imsemmi Avviż Legali.

[1] "Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Victor Buttigieg** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar, 2023."

Illi l-Avviż Legali 121 ta' l-2002, jiddisponi illi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali, ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali nnomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm, f'ismu, mediċinali perikolużi. L-appellant jisħaq li dan ma sarx u li għalhekk kien hemm ksur ta' dan l-Avviż Legali u li minħabba f'hekk, id-droga eżebita għandha tiġi mwarrba mill-atti, billi hemm ksur fil-katina tal-evidenza.

Illi, mit-testimonjanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, jirriżulta li d-droga eżebita fil-każ *de quo*, bin-numru SB 174/2004, hija miżmuma fl-i*strong room* tal-Qorti u jindika li ilha tinżamm hemmhekk sa mill-14 ta' Frar 2004. Huwa jikkonferma ukoll li tali eżebit qatt ma ngħata lid-Direttur tas-Saħħa, b'din il-kariga ma teżistiex llum.

Illi l-artikolu 667 tal-Kodiċi Kriminali iqiegħed fuq l-ispalla tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali r-responsabbilita' li jżomm fil-kustodja tiegħu l-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali. Illi, mbagħad, l-Artikolu 669 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħti s-setgħa lir-Reġistratur tal-Qorti jikkustodixxi l-oġġetti kollha li jiġu eżebiti fil-qorti, jaqra hekk: -

> **(1) Ir-reġistratur għandu jiżgura li l-oġġetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur.**
>
> **(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur <u>jista'</u>, bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-**

> **pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta. (sottolinear tal-Qorti).**

> Illi, mid-diċitura tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament mill-kelma *"jista'"*, jirriżulta biċ-ċar li l-leġislatur kien qiegħed jagħti lir-Reġistratur tal-Qrati d-diskrezzjoni sabiex jaħtar persuna oħra biex iżomm oġġetti f'ismu. Li kieku l-leġislatur kien qed jimponi fuq ir-Reġistratur obbligu sabiex huwa jgħaddi ċerti oġġetti lill-entita' terza, ċertament li s-setgħa ma kienitx tkun waħda fakoltattiva iżda tassattiva."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li għadu kemm ġie appena ċitat u għalhekk l-argument dwar il-kontinwita' ta' evidenza hekk kif imressaq mill-appellant fl-aggravju in eżami jisthoqqlu jiġi miċħud.

Analiżi f'Laboratorju Mhux Akkreditat:
Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta dwar l-akkreditazzjoni tal-laboratorju li għamel l-analiżi tad-droga li allegatament instabet fil-pussess tiegħu. Huwa jisħaq li d-droga ġiet analizzata mix-Xjenzat Godwin Sammut f'laboratorju li dak iż-żmien ma kienx akkreditat u li b'hekk l-analizzar tal-istess droga ma saritx minn laboratorju akkreditat. Ikompli li dan in-nuqqas ta' akkreditament ma jagħtihx is-serħan tal-moħħ u li l-istess analizzar, ġbir u riżultanzi miksuba jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu u dana peress illi ma humiex konformi mal-liġi. Jisħaq li l-analizzar tad-droga mix-Xjenzat Godwin Sammut f'laboratorju mhux akkreditat ifisser li mhux qed jiġu osservati l-istandards Ewropej. Jgħid li dan iwassal sabiex inħolqu dubji serji fuq l-eżami tad-droga u eventwalment fir-rapport tal-istess Xjenzat. Isostni li dan iwassal għal leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq.

Illi rigward il-bżonn ta' laboratorju akkreditat sabiex jagħmel it-testijiet sabiex jiddetermina jekk sustanza li tista' tinstab hijiex waħda projbita taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Theresa Agius** (Numru 524/2013) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 460.31 jispeċifika b'mod ċar l-għan wara l-Liġi Sussidjarja:–
>
> > **"Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:**
> >
> > **(a) profil tad-DNA; u**
> >
> > **(b) data dattiloskopika**".
>
> Illi, l-istess Liġi Sussidjarja, kif intqal aktar 'il fuq ġiet trasposta mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill Ewropew fuq imsemmija, fejn l-oġġettivi ta' l-istess jistabbilixxu li dan il-qafas regolatorju għandu jkopri unikament ***"DNA profiles and dactyloscopic data"*** **għaliex l-istess** ***"are not only used in criminal proceedings but are also crucial for the identification of victims, particularly after disasters"***. Dan għaliex *(8)* ***Pursuant to Article 7(4) of Council Decision 2008/616/JHA of 23 June 2008 on the implementation of Decision 2008/615/JHA on the stepping up of crossborder cooperation, particularly in combating terrorism and cross-border crime, Member States shall take the necessary measures to guarantee the integrity of DNA profiles made available or sent for comparison to other Member States and to ensure that these measures comply with international standards,***

***such as EN ISO/IEC 17025 'General requirements for the competence of testing and calibration laboratories' (hereinafter 'EN ISO/IEC 17025')***. Jikkonsegwi għalhekk li l-akkreditar huwa meħtieġ biss għat-teħid tal-impronti tas-swaba' u l-elevazzjoni tat-traċċi ta' DNA u xejn aktar.

Illi huwa minnu ukoll li b'referenza għall-istandards EN ISO/IEC 17025, l-Artikolu 4 tal-LS 460.31 jistipola li –

> **"L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:**
>
> **(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn forniturita' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 17025;**
>
> **(b) li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformita' mal-EN ISO/IEC 17025".**

Illi din l-Qorti tisħaq li dan kollu għandu jittieħed fil-kuntest tal-Qafas u ta' dak li speċifikament l-istess qed jirregola. Di fatti l-Qafas jispjega li:–

> **"That objective is to be achieved by preventing and combating crime through closer cooperation between law enforcement authorities in the Member States, while respecting the principles and rules relating to human rights, fundamental freedoms and the rule of law on which the Union is founded**

> **and which are common to the Member States.""**

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq appena ċitat bħala konsegwenza ta' liema l-argumenti mressqa mill-appellant fir-rigward tal-laboratorju mhux akkredidat qed jiġu mwarrba.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami u l-argumenti fih mressqa jsegwi li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dana illi l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq li din il-piena hija waħda eċċessiva. Jgħid li piena qatt ma għandha sservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun iġġarbet mill-vittma – jew mill-familjari tagħha – kawża tas-sinistru. L-appellant jitlob piena aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ u jagħmel riferenza għal ġurisprudenza estensiva dwar il-parametri li jridu jiġu meqjusa meta tiġi erogata l-piena. Jagħmel riferenza wkoll għal sentenzi mogħtija kontra persuni li nstabu ħatja tal-addebitu tar-reċidiva u li ngħataw opportunita' oħra u jargumenta li għalhekk anke huwa għandu jingħata opportunita' oħra. Jilmenta li dan il-każ imur lura għal kważi għaxar snin. Jisħaq li l-Ewwel Qorti skartat dan u sejset id-deċiżjoni tagħha biss fuq il-fatt li dan huwa reat serju u l-fatt li l-hu għandu fedina penali refrattarja. Jispjega li l-effett tad-deterrent applikat mill-Ewwel Qorti huwa eżaġerat u dana meta wieħed iqis li l-piena għandha tkun mezz riformattiv.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Galea** (Numru 380/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "46. […D]in il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena

li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni."

Illi tenut kont tal-piena ta' għaxar (10) xhur priġunerija li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant allura imputat (u dan apparti l-ordni *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) fir-rigward ta' dak li hu ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li din il-Qorti ma sabitx

raġuni għala għandha tbiddel l-għarbiel tal-provi hekk kif sar mill-Ewwel Qorti jirriżultalha li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat taqa' fil-parametri tal-liġi. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tinnota wkoll il-fedina penali tal-appellant u żżid tgħid li ma tressqet l-ebda raġuni valida sabiex hija tkun tista' tilqa' l-aggravju in eżami u tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Minkejja li fis-sottomissjonijiet finali tagħhom il-konsulenti legali tal-appellant ippreżentaw dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "MC 1", liema dokument iġib l-isem "Riforma – Ġustizzja Aktar Effettiva Mal-Vittmi Tad-Droga", liema dokument inħareġ għal konsultazzjoni pubblika f'Jannar 2024, jirriżulta li dan huwa soġġett għal diskussjoni. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx lok għal temperament fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat u għaldaqstant it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Mark Pace u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**